MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 227/2009

Red October Co. Ltd (C-21883)

Vs

George Debono personalment u ghan-nom
u in rapprezentanza ta' Crash Prices, Cash & Carry

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Marzu 2009 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li t-Tribunal jikkundana lill-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' elf hames mija disgha u hamsin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,559.25) rapprezentanti prezz ta' merkanzija varja, liema merkanzija giet effettivament ikkonsenjata lil konvenut u/jew l-impjegati tieghu gewwa Crash Prices, Cash and Carry ta' Triq Tumas Fenech, Birkirkara fl-1 ta' Novembru, 2007 u fis-6 ta' Awissu, 2008. Peress illi nonostante illi l-konveut gie interpellat diversi drabi jhallas id-dejn, baqa inadempjenti. Bl-ispejjez u bl-

imghax legali mid-data ta' kull invoice kontra il-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-konvenut ripetutament ikkonferma mal-atturi illi hemm certu ammonti dovuti izda li ghandu ssir tpaccija ma ammonti dovuti mis-socjeta attrici lill-konvenut.
3. Salv kull eccezzjoni ohra permessa mill-ligi.

Illi il-konvenut flimkien mar-risposta ipprezenta kontra talba fejn talab li it-Tribunal jikkundana lis-socjeta attrici l-ammont ta' sitt mija sitta u sittin Ewro u hmistax-il centezmu(€666.15) rapprezentanti xorb li gie ikkonfiskat formalment mill-Kontrollur tad-Dwana minhabba nuqqasijiet tas-socjeta Red October Co. Limited.

Ra r-risposta tas-socjeta Red October Company Limited ghall-kontro talba illi permezz taghha eccepiet:

1. Il-kontrotalba tal-attur George Debono pro et noe hija infondata fil-fatt u fid-dritt.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespot is-socjeta Red October Co Limited mhix responsabbli ghat-traskuragni u/jew n-nuqqasijiet komessi mill-attur George Debono fir-rigward tar-responsabilijiet tieghu mal-Kontrollur tad-dwana.
3. Illi di piu ma kien jezisti ebda tip ta' ftehim bejn l-attur George Debono u s-socjeta attrici ta' xi forma ta' tpacija u dan stante li s-socjeta Red October Co Ltd m'ghandha l-ebda ammont x'taghti lill-attur George Debono pro et noe.
4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attrici u tal-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra ukoll in-noti ta’ sottomissjonijiet kemm tas-socjeta attrici ipprezentata fil-15 ta’ Dicembru 2010 kif ukoll ta’ l-konvenut ipprezentat fid-19 ta’ Jannar 2011.

Ra l-verbal tas-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Mejju, 2011 li bih il-kawza thalliet illum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi s-socjeta attrici permezz ta’ din il-kawza qieghda titlob minn ghand il-konvenut il-hlas tas-somma komplessiva ta’ elf hames mija disgha u hamsin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,559.25) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija u cioe xorb alkoholiku, confectionery u inbejjed. George Debono, sid u operatur tal-hanut Crash Prices, Cash and Carry, Birkirkara, min-naha tieghu qieghed jitlob il-hlas ta’ sitt mija sitta u sittin Ewro u hmistax il-centezmu(€666.15) rapprezentatni xorb alkoholiku ikkonfiskat mill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi mix-xhieda jirrizulta illi mhuwiex ikkontestat illi l-ammont mitlub mis-socjeta attrici huwa dovut mill-konvenut u dan minhabba amissjoni ta’ George Debono stess fix-xhieda tieghu. (a fol 52).

Stabbilit dan il-fatt, it-Tribunal ser jghaddi biex jikkonsidera l-kontro-talba tal-konvenut u cioe li t-Tribunal ghandu jikkundanna lis-socjeta Red October Co. Limited thallas l-ammont ta’ sitt mija sitta u sittin Ewro u hmistax il-centezmu (€666.15) rapprezentanti xorb li gie ikkonfiskat formalment mill-Kontrollur tad-Dwana.

Il-kontro-talba tikkoncerna il-konfiska ta’ flixken tal-alkohol ghaliex kienu qeghdin jinbieghu minghajr ‘excise tags’ in vjolazzjoni tal-Avviz Legali 416 tas-sena 2005 tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382. Ghalhekk it-Tribunal ghandu jidettermina jekk fil-fatt ir-responsabbilta tat-telf ta’ dawn il-flixken kienet tas-socjeta attrici, u jekk dan huwa l-kaz jekk ghandu jkun hemm lok ghat-tpacija skond kif eccepixxa l-konvenut u jekk ukoll qatt sar xi ftehim ghat-tpacija.

Mill-evidenza u xhieda tal-istess konvenut johrog illi mhuwiex kontestat lanqas il-fatt illi l-obbligazzjoni biex titwahhal l-*excise duty tags* kienet tinkombi fuq sid il-hanut. Il-lanjanza ta George Debono pero hija li hu kien dipendenti fuq is-socjeta attrici biex jipprezenta l-invoices. Hu iddikjara li s-socjeta attrici kienet ipprovditlu l-invoices mal-konsenja pero dawn saru illegibili ghaliex kienet marret l-inka. Ghalhekk kellu jerga jitlob lis-socjeta attrici invoices mill-arkivji taghhom u dawn naqsu milli jaghmlu dan u ghalhekk skadilu iz-zmien biex jiehu lura il-fliexken. Iz-zewg xhieda Chris Caruana Turner (Chairman tas-socjeta Red October Co. Ltd) u Mark Schembri (direttur tas-socjeta Red October Co. Ltd) prodotti mis-socjeta attrici ikkontestaw dan u ddikjaraw illi huma ghaddew l-invoices aktar minn darba

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jammetti illi hu talab l-invoices biss verbalment. It-Tribunal ihoss illi kien fid-dover u anke fl-interess tieghu li juza kul mezz biex, igib dawn l-invoices. Almenu kellu jaghmel intimazzjoni bil-miktub lis-socjeta attrici. Ghaldaqstant it-Tribunal mhuwiex konvint illi l-konvenut ghamel dak kollu li kellu jaghmel fic-cirkostanzi biex jiehu il-flixkien lura mid-dwana u ghalhekk ma jistax jippretendi illi xi haddiehor ihallas ghan-nuqqasijiet tieghu u jasal biex jiddikjara illi s-socjeta attrici kienet responsabbli ghad-danni sofferti minnu.

Anke jekk it-Tribunal jasal biex ma jemminx lix-xhieda tar-Red October u cioe li dawn ipprovdew l-invoices, it-Tribunal jinnota illi x-xhieda ta' George Debono hija kunfliggenti ghal kollox kemm fil-kaz ta' l-*inspections* ghaliex hu jghid illi kien hemm tnejn, filwaqt li ir-rapprezentant tad-dwana (l-ispettur Joseph Gatt) fix-xhieda tieghu jghid illi kien hemm spezzjoni wahda biss. Il-konvenut jikkontradici lilu nnfisu f'dak li jirrigwarda l-ammont ta' fliexken li gew konfiskati (Ara x-xhieda ta George Debono tas-seduta tad-9 ta Gunju 2010 a fol 51 u tas –seduta ta 19 ta Ottubru 2010 a fol 83 et seq). Il-konvenut naqas ukoll milli jgib prova li effettivament il-fliexken konfiskati kienu inxtraw mis-socjeta attrici u li ukoll dawn kienu jammontaw ghall-ammont mitlub. Naqas ukoll milli jaghti spjegazzjoni u prova cara tal-ammont

mitlub minnu. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss li ma inghatax kwadru car ta kif wasal ghal-kalkulazzjoni tal-kontro talba tieghu u ghalhekk il-konvenut ma ipprovax il-kawza tieghu fuq bilanc ta probabilitajiet.

Illi fic-cirkostanzi it-Tribunal ghandu jiehu decizjoni a bazi tal-provi prodotti u jhoss illi minhabba l-insufficjenza ta' provi prodotti u il-kontradizzjonijiet da parti tal-konvenut ma jistax jasal biex jghati lil Red October Co. Limited ir-responsabbilta tal-konfiska u jikkunsidera illi ma ghandhiex tintlaqa' l-kontro-talba tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi fl-ewwel lok jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjetà attrici ghall-kontro-talba pprezentata mill-konvenut u b'hekk jichad il-kontro talba tal-konvenut u fit-tieni lok billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf, hames mija disgha u hamsin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€1,559.25) bl-imghax kif mitlub u l-ispejjes kollha jigu issopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------